SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar is-Sibt 17 t'Ottubru fid-9:00 ta' filghodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:* Luigia Grima
John Mercieca
Joseph Sultana

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-applikazzjoni tal-MEPA bin-numru PA2990/09 lit tittratta dwar l-illegalita' li kellhom l-flats li qed jinbnew fi Triq it-Torri u issa qed japplikaw biex jirregolarizzaw ruħhom.

3.2 Ġiet moqrija ittra minghand is-Segretarju Parlamentari Chris Said fejn għarraf lil Kunsill Lokali tagħna li jinsab bħala wieħed mix-shortlisted għall-*Green Challenge Award* li għaliha konna applikajna bhala Kunsill għall-inizjattivi li ħadna favur ambjent aktar nadif. Permezz ta' din l-ittra is-Sindku u l-Viċi Sindku ġew mistiedna sabiex jattendu għal-ċerimonja marbuta ma' dan l-*award*. Ir-rebbieħ jitħabbar aktar il-quddiem.

**4.0 Konferenza Internazzjonali – Attivita fl-aħħar t'Ottubru**

4.1 Is-Sindku semma' li l-preparazzjonijiet għal din l-attivita' huma mexjin b'mod intensiv ħafna u li l-Kumitat tal-Ġemellaġġ qed jiltaqa' b'mod regolari ta' mill-anqas darba fil-ġimgħa, biex jipprepara għal dan l-event.

4.2 Huwa spjega kif wara ħafna tentattivi biex inġibu lil *Wintermoods* u aktar tard lill-Ira Losco, ma rnexxielniex peress li kienu mpenjati f'attivitajiet oħra. Irnexxielna pero nilħqu ftehim mal-duo popolari Chasing Pandora għal prezz ta' €2000 VAT eskluża. Is-Sindku semma li l-programm ser ikun mqassam hekk: bejn is-1900 u t-2030 attivitajiet għat-tfal, stands tal-ikel u exhibitions. Bejn it-2030 u d-2100 mistennija tibda Show minn Ruth Sammut Cassingena u ż-żeffiena tagħha u wara jibda l-kunċert minn Chasing Pandora. L-attivita' tingħalaq b'xi logħob tan-nar tal-ajru. Is-Sindku semma li bħala bar u stands ta' l-ikel ser jieħdu ħsiebhom l-għaqdiet tar-raħal u sar ftiehem biex jgħaddu persentaġġ mill-profit li jibqalhom lill-Kunsill. Bħala parteċipanti mill-lokalitajiet barranin ser ikollna 45 minn Colle Umberto, 13 minn La Ballme de Sillingy u 26 minn Marciana Marina. Huwa semma li mill-kalkoli li saru qed jirriżulta li bħala budget ta' dħul u nfieq jidher li għandna mmorru tajjeb. Is-Sindku semma wkoll li qed tinħadem kampanja pubbliċitarja tajba li ser tinkludi tqassim ta' flyer f'kull dar f'Ghawdex, ser isiru erba' banners fit-toroq, reklami fuq radios, timesofmalta.com u anke fuq it-televizzjoni.

4.3 Huwa rrefera wkoll għall-konferenza nternazzjonali li ser inżommu bħala Kunsill nhar il-Ġimgha 31 t'Ottubru 2009 bit-tema ta' "Traditions and Innovations". Bħala kelliema ewlenin f'din il-konferenza ġew mistiedna l-MEPs ta' Malta u s'issa għad m'għandna l-ebda konferma minn għandhom. Is-Sindku semma l-fatt li l-San Lawrenz Kempinski Resort and Spa ser jisponsorjaw il-konferenza b'tali mod li jisponsorjaw nofs l-lunch ta' wara l-konferenza għall-100 ruh. Sar qbil li bħala persuna li tmexxi l-konferenza għandna nqabbdu xi gurnalist tajjeb fil-qasam tat-televizzjoni.

4.4 Il-Kunsilliera gew mogħtija programm kull wieħed tal-attivitajiet kollha dettaljati u ġew mistiedna sabiex jattendu għal kull attivita' msemmija.

## 5.0 Xoghol fid-Dwejra

5.1 Is-Sindku rrefera għall-€10,000 li l-Kunsill ngħata bħala Fondi Speċjali għall-htiġijiet speċjali li għandha l-bajja tad-Dwejra u għalhekk dawn iridu jintefqu hemm. Is-Sindku ppropona lill-kunsill programm ta' xogħoliijiet li għandhom bżonn isiru fid-Dwejra li huma passagg tal-injam fuq ic-caghaq tal-Qawra, tabelli bl-informazzjoni ambjentali ta' l-injam, bankijiet, puġaman mat-trejqa lejn il-kapella ta' Sant'Anna u wkoll fanali solar.; Il-Kunsill ra li l-aħjar għal dawn ix-xogholijiet jinġab permess tal-MEPA. Għalhekk ghandu jinkariga lil Perita Ivana Farrugia biex tippreparalna stimi għal dawn ix-xogholijiet, kif ukoll tapplika għall-permessi meħtieġa.

5.2 Sar qbil ukoll li għandna nitolbu lill-ADT sabiex ineħħu wieħed mill-parking bays għat-taxis peress li waħda minnhom qed testakola l-flow tat-traffiku.

## 6.0 Update dwar il-Visitor's Centre fid-Dwejra

6.1 Is-Sindku bħala punt ta' informazzjoni espona quddiem il-kunsilll-verzjoni ġdida ta' pjanti li qed jiġu diskussi mill-MEPA fil-preżent biex tiġi regolarizzata l-istruttura li nbniet biex isservi bħala Interpretation Centre fid-Dwejra u li dwarha nqalgħet polemika..

## 7.0 Proposta Socjali

7.1 Is-Sindku esprima xewqa tiegħu li l-Kunsill għandu jkun aktar qrib il-bżonnijiet soċjali taċ-ċittadini tagħna. Huwa qal li ta' kuljum jiltaqa' ma ħafna każijiet soċjali li ħafna minnhom jirrekjedu għajnuna professjonali. F'dan id-dawl, huwa propona li flimkien mal-parroċċa għandna noħolqu servizz ta' 4 sighat terapija darba fil-ġimgħa offrut minn social worker professjonali. Dan is-servizz għandu jiġi offrut f'post mingħajr ħafna daqq ta' trombi bħalma hu ċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet u min ikollu il-bżonn imur jitkellem fil-liberta'. Huwa propona li jekk ikun hemm qbil mill-Kunsill nitkellmu mal-kappillan u nipproponu li sagħtejn minnhom jitħallsu mill-Kunsill u l-oħra jitħallsu mill-parroċċa.

7.2 Kien hemm qbil unanimu dwar dan u ġie deċiż li s-Sindku għandu jitkellem mal-Kappillan.

## 8.0 Ismijiet ta' passaġġi u mogħdijiet fil-kampanja

8.1 Is-Sindku propona li f'kull passaġġ li hawn fil-mogħdijiet tal-lokalita' għandha titwaħħal plakka bl-isem partikolari ta' dik il-mogħdija. L-iskop ta' dan huwa sabiex ma jintesiex l-isem tal-post u wkoll sabiex ikun hemm indikazzjoni anke għal dawk li jkunu jimxu fl-inħawi. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u sar qbil li għandhom isiru fl-injam. Is-Sindku għandu jara kif jikkuntatja xi ħadd li jinqala għal dan ix-xogħol.

## 9.0 Materji ohra

9.1 Is-Sindku rrefera għall-progett tas-*solar water heaters* u semma' li n-nies qed jrcievu s-sussidju mingħand il-gvern ta' €460.

9.2 Is-Sindku rrefera għall-istedina li saritilna mingħand agenzija taljana sabiex nibgħatu tlett żgħażagħ sabiex jattendu għal kors ta gimgħa ta' leadership rigward il-proġett Youth in action project u d-dokumentazzjoni relatata miegħu.

Is-Sindku fisser kif dan huwa kors importanti ħafna fl-iżvilupp taż-żgħażagħ tagħna u informa lil membri li dan il-kors qed jiġi ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u kullma jridu jħallsu l-partecipanti huwa biss 30% tal-vjaġġ. Is-Sindku semma li huwa flimkien mas-Segretarja analizzaw dawk li jistgħu jkunu *leaders futuri* kif ukoll dawk li fil-passat (anke permezz ta' proġetti oħra) wrew ħiliet ta' tmexxija. F'dan id-dawl ġew magħżula u avvicinati Jonathan Micallef, Christine Formosa u Angele Grima..

9.3 Is-Sindku ta rendikont ta' l-esperjenza li flimkien mal-kleru tal-parroċċa ta' San Lawrenz kellu f'Colle Umberto fl-okkazzjoni tal-200 anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa tagħhom. Huwa semma li ħa l-okkażżjoni sabiex jorganizza bosta laqgħat fosthom mas-Sindku u mal-Kumitat tal-ġemellaġġ fejn fihom ġew diskussi proġetti futuri li rridu nwettqu flimkien, kif ukoll l-attvita' ta' Ottubru li ser tiġi organizzata f' San Lawrenz li għaliha qed jiġu mistiedna wkoll membri minn Colle Umberto. Huwa nforma lil kunsill li għal din iz-zjara huwa ħallas l-akkomodazzjoni personali biex ma jkun ta' piż fuq il-finanazi tal-Kunsill

9.4 Il-kunsilliera ġew infurmati mis-Sindku dwar il-problemi li nqalgħu ma xi residenti minħabba t-tqiegħed ta' *traffic calmers* quddiem id-dar tagħhom. Huwa semma' li huwa pprova jfisser lil dawn ir-residenti kif ukoll jikkonvinċihom sabiex tibqa f'dak il-post. Jidher li ma huwiex faċli huwa qal li ser ikompli jiprova jikkonvinċihom fil-każ ma jibqax triq oħra għajr li nħarkuha f'post fejn ma ddejaq lil ħadd. Issemmiet ukoll t-traffic calmer li twahhlet fi Triq Nicholas Monsarrat u ġie deċiż li għal aktar sigurta f'dan il-post għandhom jinżebgħu l-middle lines, SLOW signs u STOP fejn hu meħtieġ. Is-Sindku qal li ser jiltaqgħa mal-ufficjal inkarigat mir-Road Markings fuq il-post u jindikalu x'inhu meħtieġ.

9.5 Is-Sindku rrefera wkoll għaż-żjara li huwa flimkien mas-Segretarja kellhom fil-post li jinsab għal bejgħ maġenb l-iskola primarja. Huwa qal li l-post huwa kbir ħafna u ideali għall-użu ta' uffiċini tal-Kunsill, ta' għassa tal-pulizija, u servizzi oħra li f'kelma waħda jista' jittrasformawh f'Centru tal-Komunita'. It-talba għal bejgħ ta' dan il-post hija dik ta' €327,000. Peress li bħala Kunsill huwa diffiċli biex nixtruh waħidna, anke jekk nieħdu loan mill-bank, is-Sindku kiteb lis-Segretarju Parlamentari Chris Said dwar il-possibilita' li l-gvern jingħaqad mal-Kunsill fix-xiri ta' dan il-post. Huwa semma' li Onor Said wera nteress u talabna nġibu aktar informazzjoni mingħand il-banek biex isir aktar stħarriġ ta' l-eventwali xiri ta' dan il-post. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u li sadanittant għandna niksbu l-informazzjoni meħtieġa.

9.6 Il-kunsilliera Luigia Grima tat rapport tal-Youth Exchange li mexxiet hi u li nżammet f'Palma de Mallorca bejn it-18 u l-21 ta' Settembru. Hija rrimarkat li din kienet exchange li ħalliet sodisfazzjon kbir. - Hija stqarret li huwa ta' sodisfazzjon tara liż-żgħażagħ tagħna jintegraw ma żgħażagħ oħra u

jippartecipaw f'diskussjonijiet ferm interessanti. Hija rringrazzjat lil kunsill ta'l-opportunita' li taha' biex tidderiġi dan il-grupp.

9.7 Il-kunsillier John Mercieca staqsa lis-Sindku x'qed jiġri mis-sitwazzjoni tal-plots f'San Lawrenz. Is-Sindku wieġeb billi qal li minn informazzjoni li għandu l-proġett fil-mument huwa wieqaf iżda huwa għadu għaddej bid-diskussjonijiet. Huwa semma li kienu diversi l-interventi li għamel hu personalment fejn wera d-diżappunt u r-rabja tiegħu għal dan id-dewmien u wara ħafna talbiet minnu stess l-awtoritajiet reġgħu fetħu d-diskussjonjijiet. Is-Sindku kompla jgħid li mhux ser jaqta qalbu u ser ikompli għaddej bil-ħidma tiegħu u talab lil Kunsill sabiex ma naqtghu qalbna qatt. Il-Kunsilllier John Mercieca staqsa jekk nistgħux nitolbu sabiex din ma tinbiegħx. Is-Sindku rrisponda li huwa fil-fatt diġa kiteb bosta emails f'dan ir-rigward u serrahlu mohhu li l-*policy* tal-Kunsill hija dik li l-art ma tinbieghx. Is-Sindku qal lil John Mercieca li ser jibgħatlu kopja ta' din l-email fejn is-Sindku qed jagħmilha ċara li l-Kunsill ma jaċċetta qatt li din l-art tinbiegħ.

9.9 Il-Kunsillier John Mercieca talab sabiex isir patching fi Triq Wied Merill.

9.10 Il-kunsillier John Mercieca rega qajjem il-punt li n-nies ta' parti minn Triq San Lawrenz qed jitolbu sabiex titneħħa l-bus stop minn din it-triq. Is-Sindku qallu li huwa ma rċieva l-ebda lment fuq dan ir-rigward ħlief mingħand is-Sur Fiteni. Is-Sindku qall li f'dan ir-rigward hemm bżonn li nimxu ħafna bil-ghaqal u naraw x'decizzjonijiet nieħdu biex ma jħallux effetti negattivi fil-futur fuq l-istess nies li qed jitolbu li din titneħħa.

Il-laqgha ntemmet fil-11:30 ta' filghodu.

| | |
|---|---|
| **Noel Formosa** | **Lucienne Haber** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |